*Il-lum li b'inkejja ta' xi daqsxejn ta' tfixkil ieħor minn xi mħuħ konservativi u preġudikati l-istudju u l-koltivazzjoni tal-Malti mixjin fuq ir-rotta ta' progress letterarju u edukativ, li qatt qabel ma kellna, il-lum li nistgħu ngħidu l-letteratura Maltija min-du twaqqfet il-Għaqda fl-1921, jiġifieri tul l-aħħar tletin sena, sebqet lil dik ta' tul mitt sena qabel, ikun għajb jekk minħabba xi motivi politiċi jew amministrativi, jew bruda fost il-kittieba tal-Malti kellna nieqfu mill-ħidma tagħna.*

*Iż-żgħażagħ li telgħin huma żgħażagħ li minn tfulithom mill-iċken klassijiet ta' l-Iskola tal-Gvern trabbew bil-ħalib tal-Lsien Malti; xi wħud minnhom rifsu l-għatba ta' l-Università, oħrajn laħqu f'pożizzjoni li jistgħu jagħmlu bosta ġid lill-Malti, fosthom dawk li saru surmastrijiet ta' l-Iskejjel u qegħdin igħal-lmu l-Malti—il-ħeġġa tagħhom li bihom tixgħel qalbhom hija l-isbaħ tama għall-progress u ġieħ tal-Lsien Malti.*

*Dawn iż-żgħażagħ jekk jagħtu ħarsa lura lejn dawk li fet-ħulhom it-triq minn tletin sena 'l hawn għandhom x'jitgħallmu mhux ftit; jekk mhux ħaġa oħra l-perseveranza fil-fehmiet tagħ-hom għall-progress tal-Malti u l-prinċipju li m'għandhomx jaq-tgħu qalbhom*

*L-ikbar xhieda tal-ħeġġa għall-ħidma tal-koltivazzjoni tal-Malti jagħtuhielna l-kittieba xjuħ li, għalkemm taħt it-toqol tas-snin, qalbhom u moħħhom għadhom marbutin mal-progress tal-Malti, u, jekk in-nar ta' xewqat u ħrariet oħra għoddhom intfew ġewwa fihom, dak tal-Lsien Malti, jekk m'għadux iħeġġeġ bħal dari, għadu jixgħel taħt il-maġmar tal-fuklar ta' l-istudji tagħhom.*

---

# INFAKKRU

Nixtiequ nfakkru mill-ġdid lil dawk l-imseħbin li għadhom lura fil-ħlas tat-tisħib tagħhom biex jibagħtu jħallsu lit-Teżo-rier għaliex inkella, wisq kontra qalbna, ikollna nwaqqfulhom ir-Rivista.



# Rapport Amministrattiv tas-Segretarju tal-Għaqda għas-Snin 1950-1951

MINN Frar ta' l-1950, meta kien maħtur f'laqgħa ġenerali, sal-lum, dan il-Kunsill iltaqa' 15-il darba; f'dawn il-laq-għat kienu mistħarrġa bosta kwistjonijiet kollha importanti fi-hom infushom, u fosthom xi waħdiet li jolqtu l-iskop ewlieni tal-Għaqda. Dejjem ittieħdu l-passi meħtieġa, imma bil-pru-denza kollha, u nistgħu ngħidu, kważi dejjem b'suċċess.

Għalkemm żgur li kull wieħed minna jaf li issa, wara aktar minn 30 sena ħajja, l-Għaqda għandha d-Dar tagħha, dan, iżda hu pass hekk 'il quddiem li ma nistax ma nsemmihx; jekk l-Għaqda għandha biex tiftaħar b'ħafna affarijiet, ngħidu aħna li dejjem imxiet dritta u bla tagħwiġ fit-triq li twassal għat-twettiq ta' l-iskop tagħha; li fost il-Membri Akkademiċi tgħodd nies mhux biss magħrufa għall-ħidma tagħhom fil-qasam tal-letteratura Maltija u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-ilsien Malti, imma li għandhom kariga għolja fil-fergħat differenti tal-ħajja kulturali tagħna, nies imweġġhin mill-barrani li saħan-sitra ma jistmerrx jitlob il-parir tagħhom fuq kwistjonijiet ta' importanza internazzjonali; iva, jekk l-Għaqda tista' tiftaħar b'dan u b'aktar, żgur ma tistax biss tiftaħ fommha dwar l-għana materjali tagħha. Riedet tkun il-qalb tajba tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi, P.L., li ta' kull sena iħallsilna l-kera biex l-Għaqda tagħna jkollha Darha, u aħna nižżuh ħajr; għadd ta' Membri oħra minn rajhom għenu wkoll finanzjarjament biex id-Dar tagħna titgħammar: kif qegħdin taraw b'għajnejkom għadna lura u l-Għaqda jistħoqqilha wisq aħjar, imma issa għallinqas għandna fein niltaqgħu u ma rridu nħabbtu bieb ħadd, għalkemm fl-im-għoddi konna dejjem milqugħin tajjeb. Xieraq ukoll li jiena ngħid kelma ta' ħajr lis-Sur Nin Cremona, il-Viċi President tagħna u flimkien miegħu t-Teżorier, li tħabtu u ħabirku biex tinkiseb id-dar, titnaddaf u titgħammar — biċċa xogħol xejn ħafifa għax in-nefqa riedet issir bil-kumpass.

Konna ilna nħossu l-ħtieġa li fl-arkivji tal-Għaqda jkun hemm tagħrif dwar il-ħajja letterarja tal-Membri; il-Kunsill ħaseb għalhekk u stampa formularju li tqassam fostna lkoll, imma jisgħobbini ngħid mhux kulħadd wieġeb. Fil-qasam lette-